MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 214/2018/1 LM

**Melita Limited (C 12715)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Jody Pisani**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Melita Limited (C 12715)**, [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], tas-26 ta' Ottubru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza li kellha quddiemha billi astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba, inkwantu qieset li din ġiet sorvolata, inkluż

b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2018, filwaqt li ddikjarat it-titolu eżekuttiv miksub permezz tal-Ittra Uffiċjali Numru 642/2018 fl-ismijiet **Melita Limited *vs.* Jody Pisani** huwa null u bla effett, u konsegwentement irrexxindietu għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

**Fatti**

2. Is-soċjetà Melita Limited fl-14 ta' Marzu, 2018 ippreżentat ittra uffiċjali numru 642/2018 *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħha talbet lir-rikorrent **Jody Pisani** [hawnhekk 'l-appellat'] iħallasha ammont ta' flus dovuti lilha għal servizzi telefoniċi mogħtija lir-rikorrent. Ir-rikorrent kellu u għad għandu kont pendenti mas-soċjetà appellanta in konnessjoni mal-imsemmi servizz, li jammonta għal €2,758.11, u minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, l-appellat baqa' inadempjenti, u għalhekk is-soċjetà Melita Limited ippreżentat ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta s-soċjetà intimata rat li l-imsemmija ittra uffiċjali baqgħet ma ġietx ikkontestata, u b'hekk ġiet reża eżekuttiva, ipproċediet billi ppreżentat mandat ta' sekwestru fil-konfront tar-rikorrent, u kien għalhekk li Jody Pisani pproċeda b'din il-kawża.

**Mertu**

3. Fir-rikors tiegħu r-rikorrent spjega li min-notifika jirriżulta li din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lil ċertu Jason Pisani fis-7 ta' Marzu, 2018, hekk kif jidher mill-firma li tidher fuq il-*pink card* relattiva, għalkemm jirriżulta wkoll li l-marixxall li mar bin-notifika niżżel li ġie notifikat Jody Pisani. Jody Pisani ma

weġibx għal din l-ittra uffiċjali, li għalhekk ġiet reża eżekuttiva, u sussegwentement is-soċjetà Melita Limited ipproċediet b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1616/2018 abbażi tal-istess ittra uffiċjali. Jody Pisani, li bis-saħħa tal-inverżjoni tal-provi quddiem l-ewwel Qorti huwa meqjus li huwa r-rikorrent f'dawk il-proċeduri, qal li jirriżulta li l-ittra uffiċjali tħalliet ma' ħuh Jason Pisani, ġewwa 17, Triq l-Għajn, Valletta. Qal li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni mal-fond fejn joqgħod ħuh. Ir-rikorrent qal li l-artikolu 187 tal-Kap. 12 jistabbilixxi kif għandha ssir in-notifika, kemm dik diretta u kemm dik indiretta, u l-liġi tispeċifika wkoll li tali notifika għandha ssir f'xi wieħed mill-indirizzi stabbiliti mil-liġi. Ir-rikorrent qal li l-post fejn saret in-notifika mhuwiex wieħed mill-postijiet indikati fl-artikolu 187 tal-Kap. 12, u għalhekk din in-notifika indiretta għandha titqies li mhijiex valida.

4. Ir-rikorrent spjega li hemm raġuni oħra għalfejn l-imsemmija ittra uffiċjali għandha titqies li mhijiex valida u dan għaliex l-intimazzjoni f'din l-ittra mhijiex konformi ma' dak rikjest fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li l-artikolu 166A (3) jispeċifika li l-ittra uffiċjali għandu jkollha wkoll taħt piena ta' nullità, intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa jonqos li jwieġeb fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika, billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali fejn jitlob li tiġi respinta t-talba, u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess, mingħajr il-ħtieġa tal-firma ta' avukat jew prokuratur legali, dik l-ittra uffiċjali ma tkunx tikkostitwixxi l-ebda titolu eżekuttiv. Ir-rikorrent qal li minflok jirriżulta li s-soċjetà intimata segwiet dak li jemerġi mil-liġi sussidjarja 12.22, li saret bis-saħħa mogħtija bl-artikolu 166A (2) tal-Kap. 12, fejn l-intimazzjoni hija differenti minn dik li hemm ipprovdut għaliha fil-liġi prinċipali. Qal li minn qari taż-żewġ artikoli jirriżulta li hemm kontradizzjoni, u l-avviż fil-

Kap. 12 jgħid li m'hemmx ħtieġa li wieħed ikellem avukat jew prokuratur legali, għalkemm fil-liġi sussidjarja hemm miktub li huwa fl-interess ta' dak li jkun li jkellem avukat. Ir-rikorrent qal li l-avviż legali 12.22 ma emendax l-artikolu 166A tal-Kap. 12, iżda kkrea konfużjoni, u ladarba kien hemm kontradizzjoni bejn il-liġi sussidjarja, li għandha l-funzjoni li tgħin il-liġi prinċipali, u l-liġi prinċipali, hija l-liġi prinċipali li għandha tapplika. Qal li hawn ma jistax japplika l-prinċipju *lex specialis derogat generalis,* peress li din mhix liġi speċjali, iżda sempliċiment liġi sussidjarja li tkompli tikkjarifika l-liġi prinċipali. Qal li għalhekk l-intimazzjoni kif saret mhijiex konformi mad-dettami tal-liġi, u għalhekk hija nulla.

5. Ir-rikorrent qal ukoll li d-dikjarazzjoni ma kinitx ġuramentata minn rappreżentant tas-soċjetà Melita Limited, u l-kontenut tal-ittra ġie ġuramentat mill-istess avukat li ppreżenta l-ittra, mingħajr indikazzjoni dwar jekk fil-fatt dan għandux ir-rappreżentanza legali jew ġudizzjarja biex jagħmel dan. Ir-rikorrent qal li mir-*records* tal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji, ma jidhirx li l-avukat li ppreżenta l-ittra uffiċjali huwa indikat bħala rappreżentant tas-soċjetà intimata, u l-aħħar kambjament fir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali tas-soċjetà intimata, jirrisali għas-sena 2016. Qal ukoll li l-ġurament u l-prova tal-istess huwa rekwiżit *ad validitatem*, u l-istess għandu jingħad jekk il-ġurament jittieħed minn rappreżentant ta' xi soċjetà. Qal li huwa rikjest li jkun hemm prova li l-persuna għandha poter li tieħu dak il-ġurament, inkella dak l-istess ġurament ma jistax jitqies li huwa validu.

6. Permezz tat-talbiet tiegħu lill-ewwel Qorti, ir-rikorrent talab li r-rikors jiġi appuntat għas-smigħ fi żmien ġimagħtejn, u li jiġi dikjarat li l-ittra uffiċjali

numru 642/18 ippreżentata *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija nulla, u konsegwentement tħassar, tirrevoka, tirrexxindi, u tiddikjara null u bla effett it-titolu eżekuttiv miksub mis-soċjetà intimata permezz tal-istess ittra uffiċjali.

7. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha wieġbet li skont ir-Reġistru Elettorali, jirriżulta li Jody Pisani fil-fatt għandu l-indirizz tiegħu fil-fond 17, Triq l-Għajn, Valletta, u għalhekk dan ma jistax jeċċepixxi li m'għandu l-ebda relazzjoni ma' dan il-fond. Qalet li aktar minn hekk, il-Qrati tagħna huma ċari dwar il-validità ta' notifika li titħalla f'idejn membru tal-familja, u aktar u aktar f'indirizz li fuqu tidher irreġistrata l-persuna li trid tiġi nnotifikata. Qalet ukoll li l-liġi sussidjarja bit-titolu 'Regolamenti dwar il-forma tal-ittra uffiċjali għall-finijiet tal-artikolu 166A (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili', għandha proprju l-funzjoni li tistabbilixxi l-forma tal-avviż li għandu jidher fl-ittra uffiċjali. Qalet li ma jistax jiġi argumentat li l-liġi sussidjarja mhijiex forma ta' liġi speċjali, u għalhekk għall-kuntrarju ta' dak li qiegħed jintqal mir-rikorrent, dan huwa proprju każ ta' *lex specialis derogat generalis.* Qalet li mingħajr preġudizzju għal dan, l-fatt li l-avviż sar skont il-liġi sussidjarja li tipprovdi li huwa fl-interess ta' dak li jkun li jkellem avukat jew prokuratur legali, dan bl-ebda mod mhuwa f'kunflitt ma' dak li jipprovdi l-Kap. 12, u għandu jirriżulta li l-avviż sar skont il-liġi u mhuwiex null. B'riferiment għall-argument li d-dikjarazzjoni inkwistjoni mhix ġuramentata minn rappreżentant tal-kumpannija, intqal li l-att ġudizzjarju juri, permezz tat-timbru tal-Qorti, kif iffirmat mir-Reġistratur tal-Qorti, li l-att ġie ġuramentat nhar l-14 ta' Marzu, 2018. Kompliet tgħid li l-fatt li l-ittra mhijiex akkumpanjata minn dikjarazzjoni li r-rappreżentant għandu r-rappreżentazzjoni legali jew ġudizzjarja sabiex jieħu

l-ġurament, ma jġibx in-nullità ta' dik l-ittra, u l-prova tar-rappreżentanza legali mhijiex rekwiżit *ad validitatem* u n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni ma ġġibx magħha n-nullità tal-att ġudizzjarju. Kompliet tgħid l-Avukat li ħalef il-kontenut tal-ittra uffiċjali fil-fatt għandu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' Melita Limited.

8. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2020, xehdet **Emily Abela**, *legal counsel* mas-soċjetà Melita Limited, li qalet li l-kumpannija Melita Limited ingaġġat lid-ditta ta' avukati Mifsud and Mifsud Advocates sabiex jagħmlu x-xogħol tad-*debt collection* tagħha. L-**Avukat Cedric Mifsud** ikkonferma dan fix-xhieda mogħtija minnu waqt l-istess udjenza, fejn qal li d-ditta legali li huwa imsieħeb fiha, għandha struzzjonijiet biex tippreżenta ittri ġudizzjarji fil-konfront tad-debituri ta' Melita Limited, wara li din tal-aħħar tgħaddi l-informazzjoni dwar id-debituri tagħha. Qal li l-proċedura li jaħdmu biha bħala ditta legali, hija li jkun hemm komunikazzjoni diretta bejn l-avukat *in-house* tal-Melita u l-avukati tad-ditta legali tiegħu, fejn l-avukati tal-Melita jinfurmawhom li jridu jipproċedu b'dawn l-ittri uffiċjali għaliex ikun hemm ammont li għadu dovut.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

9. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 2020, l-ewwel Qorti osservat li wħud mill-elementi meħtieġa taħt piena ta' nullità skont l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 ma ġewx osservati mis-soċjetà Melita Limited, u l-liġi kif inhi ma tħalli ebda lok għad-diskrezzjoni tal-ġudikant għall-finijiet tal-korrezzjoni tal-att sabiex dan ma jibqax null. Qieset għalhekk li t-talba tar-rikorrent Jody Pisani għandha għal din ir-raġuni tiġi milqugħa, filwaqt li

stabbiliet ukoll li m'għandhiex għalfejn tkompli teżamina s-sottomissjonijiet l-oħra magħmula mill-partijiet, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkunsidrat***

*Illi din hija proċedura a tenur tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħha r-rikorrent qed jittenta jimpunja l-validità tat-titolu eżekuttiv ottjenut bis-saħħa tal-ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata mis-soċjetà intimata kontra r-rikorrent bin-numru 642/2018. Ir-rikorrent Pisani, fil-qasir, iressaq tliet argumenti li bihom jallega li l-istess ittra uffiċjali hija invalida, nulla u bla effett u ċioé: (i) in-notifika tal-istess ittra uffiċjali, minkejja li mibgħuta fl-indirizz tar-rikorrent, tħalliet f'idejn persuna li mhijiex ir-rikorrent; (ii) ma saritx l-intimazzjoni rikjesta* ad validitatem *skont l-artikolu 166A(2); (iii) l-ittra uffiċjali eżekuttiva mhijiex debitament ġuramentata minn rappreżentant skont il-liġi.*

***Ikkunsidrat:***

***Il-Validità tan-Notifika tal-Ittra Uffiċjali Eżekuttiva bin-numru 642/2018***

*Essenzjalment, ir-rikorrent Pisani jgħid li l-ittra tħalliet ma' ċertu Jason Pisani (li jiġi ħuh) u mhux miegħu. Jgħid illi r-rikorrent m'għandu ebda relazzjoni mal-indirizz fejn tħalliet l-istess ittra uffiċjali u għalhekk, in-notifika ma kinitx waħda valida u skont il-liġi.*

*Is-soċjetà intimata, ippreżentat estratt mir-Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali ta' Ottubru, 2017, fejn juri li l-indirizz tal-istess Jody Pisani, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 175379M, kien 17, Triq l-Għajn, Valletta (fn. 3 Folio 28-30 tal-atti proċesswali).*

*Il-dan l-indirizz jaqbel ma l-istess indirizz fejn saret in-notifika nhar is-17 ta' Marzu, 2018 (fn. 4 Folio 7 tal-atti proċesswali).*

*Madankollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent Pisani jikkonferma li huwa* "m'huwiex qiegħed jinsisti aktar fuq din il-premessa u għalhekk, b'lealtà lejn din l-Onorabbli Qorti u l-ex adversu f'dawn il-proċeduri qiegħed jiddikjara li din il-pretensjoni ġiet imxejna min-naħa l-oħra u ma hemm l-ebda ħtieġa ta' pronunzjament dwarha".

*Filwaqt li l-Qorti tabbraċċja din id-dikjarazzjoni għan-nom tar-rikorrent, kien ikun ferm aktar opportun li kieku l-istess pretensjoni ġiet irtirata mit-talba nfisha u/jew mill-premessi tar-rikors promotur permezz ta' nota.*

*Għalhekk, din il-Qorti sejra xorta waħda tgħaddi biex tiddeċiedi dwar din is-sottomissjoni tar-rikorrent.*

*Qabelxejn il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:*

> In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. **<u>In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn</u> <u>toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali</u> <u>ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew</u> <u>f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha</u>**. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar:
>
> Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika, għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xhieda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata:
>
> Iżda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirċiviha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-uffiċjal eżekuttiv tal-qrati u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħala prova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

*Il-Qorti tgħaddi biex tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Carmelo sive Charles Bianco et vs Terence Farrugia*** *(fn. 5 Rikors numru 175/2018RM; Qorti tal-*

*Maġistrati (Malta); Maġistrat Dr Rachel Montebello; Deċiża 26 ta' Settembru, 2018) fejn ġie ritenut:*

> "Il-Qorti tibda billi tosserva li kif inhuwa paċifiku fl-ordinament ġuridiku tagħna, il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u bħala tali r-regoli proċedurali jeħtieġu li jiġu osservati rigorożament. Konformament, ir-rekwiżit ta' notifika valida huwa wkoll ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali l-proċedura għan-notifika ta' att ġudizzjarju għandha tiġi osservata *ad unguem*. Billi l-ittra uffiċjali ppreżentata skont il-proċedura delinejata fl-Artikolu 166A m'hijiex sempliċi interpellazzjoni għall-ħlas - għaliex fin-nuqqas ta' oppożizzjoni entro t-terminu statutorju l-ittra ssir titolu eżekuttiv - in-notifika ta' dik l-ittra uffiċjali lid-debitur hija rekwiżit *ad validitatem* meħtieġa skont is-subinċiż (i) tal-Artikolu 166A fuq ċitat. Dan hu wkoll konformi mal-prinċipju l-aktar fondamentali tal-ġustizzja naturali li jirrikjedi taħt piena ta' nullità in-notifika ta' min ikun imsejjaħ in ġudizzju.
>
> Għandu jingħad li l-liġi fl-Artikolu 166A(5)(i) hija ċara fis-sens li l-eċċezzjoni li d-debitur ma kienx jaf bl-ittra uffiċjali, tista' tirnexxi biss jekk jiġi ppruvat li huwa ma kienx notifikat kif imiss, u għalhekk mhuwiex biżżejjed li d-debitur jipprova li huwa ma kienx jaf bl-att jekk il-konsenja tal-istess att tkun saret skont ir-regoli tal-proċedura tan-notifika ta' atti ġudizzjarji. Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Artikolu 187 jenunċja r-regola ġenerali li n-notifika għandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li għandha tkun notifikata, iżda jikkontempla wkoll il-każijiet fejn in-notifika tista' ssir anke bil-konsenja tal-att mhux direttament lill-persuna li għandha tiġi notifikata, purché jiġu osservati r-rekwiżiti speċifiċi mfissra fis-subinċiż (1) tal-istess Artikolu 187 dwar fejn il-kopja tal-att jista' jitħalla u ma' min jista' hekk jitħalla. Il-parti relevanti ta' dan is-subinċiż jipprovdi hekk:- "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha." Fil-każ odjern, il-Qorti tosserva li fir-rikors promotur ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaf bl-ittra ufficjali de quo, għaliex għalkemm din ġiet notifikata lil ommu Mary Farrugia fil-fond 34, Triq San Leonardu, Ħal Kirkop, skont kif jidher mir-referta li ġġib id-data tal-5 ta' Mejju, 2018, hi ma kinitx infurmatu biha. Skont ir-rikorrent, hu sar jaf bl-att biss meta ġie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1464/2018 u ċioé wara li l-

ittra uffiċjali saret titolu eżekuttiv. Mar-rikors promotur ġiet esebita dikjarazzjoni ġuramentata tal-imsemmija Mary Farrugia li tikkonferma li hija rċeviet l-ittra ufficjali de quo iżda ddeċidiet li lil binha ma tgħidlux biha, minħabba li f'dak il-perijodu huwa kien ser jiżżewweġ u peress li l-ittra kienet ġejja mill-Qorti ma riditx tinkwetah."

Hawnhekk il-Qorti tosserva li r-rikors promotur u d-dikjarazzjoni ġuramentata annessa miegħu entrambi jiffokaw fuq in-nuqqas tar-rikorrent li jsir jaf personalment bl-ittra uffiċjali, u mhux fuq allegazzjoni li huwa ma joqgħodx fl-indirizz fejn ġiet notifikata l-ittra uffiċjali in kwistjoni. Lanqas ommu Mary Farrugia fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha ma tgħid li r-rikorrent ma kienx għadu joqgħod magħha. Din l-allegazzjoni tal-aħħar saret għall-ewwel darba mir-rikorrent fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Settembru, 2018 fejn xehed illi huwa ilu ma joqgħod flimkien ma' ommu fir-residenza tagħha għal dawn l-aħħar ħames snin. Fl-istess nifs però, ir-rikorrent jistqarr, kif del resto jirriżulta mid-dokument esebit mis-soċjetà intimata mar-risposta tagħha (Dok. A a fol. 15), li r-residenza tiegħu baqgħet reġistrata uffiċjalment fl-indirizz fejn toqgħod ommu u fejn intlaqgħet in-notifika tal-att. Jikkonferma wkoll li l-indirizz tiegħu għadu hekk reġistrat sal-lum. Miżmum ferm il-premess, u anke fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti li juru li r-rikorrenti jirrisjedi f'indirizz li huwa differenti mill-indirizz reġistrat għal finijiet uffiċjali, il-Qorti tafferma li l-lok fejn sar in-notifika għandu jitqies bħala l-lok fejn joqgħod ir-rikorrent u/jew l-indirizz postali tiegħu għall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 187(1)."

*Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li, għalkemm il-prova mressqa minn Melita Limited tirrigwardja r-Registru Elettorali ta' Ottubru 2017, filwaqt li n-notifika kienet ta' Marzu 2018, kien jispetta lir-rikorrent, f'dan il-każ, Jody Pisani, li jekk xejn, jattakka l-istess prova miġjuba minn Melita Limited. Jidher li l-prova mressqa mill-intimata, però, ir-rikorrent jaċċettaha u effettivament, jagħżel li ma jikkontradixxihiex.*

*Fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-insenjamenti hawn fuq ċitati, din il-Qorti tqis għalhekk li n-notifika lir-rikorrent saret b'mod validu.*

***Intimazzjoni mhux valida skont l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta***

*It-tieni argument tar-rikorrent Pisani huwa li, l-avviż ta' intimazzjoni kontenut fl-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 642/2018 mhuwiex dak rikjest tassattivament skont l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:*

(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:

*Għalhekk, din il-Qorti tqis li dak li talab il-leġislatur fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista tal-proċedura eċċezzjonali u speċjali li hija dik taħt l-istess artikolu 166A, hija li d-debitur, ġjaladarba jiġi notifikat, ikun avżat li huwa għandu terminu ta' 30 jum li fih jista' jopponi għat-talba tal-kreditur li jkun bagħatlu l-istess ittra uffiċjali, billi, mingħajr il-ħtieġa saħansitra li jqabbad avukat jew prokuratur legali, jopponi għall-istess talba.*

*L-intimazzjoni kif tinsab miktuba fl-ittra uffiċjali attakkata tgħid hekk:*

"Din l-ittra Uffiċjali qed tintbagħat taħt l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali".

*Għalhekk, jirriżulta icto oculi, li s-soċjetà Melita Limited ma segwietx dak li l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 jitlob b'mod tassattiv u* ***taħt piena ta' nullità****.*

*Madankollu, l-abbli difensur tas-soċjetà intimata, jgħid li huwa segwa proprju dak li tgħid il-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22 ossija r-Regolamenti dwar il-Forma tal-Ittra Uffiċjali Għall-Finijiet tal-Artikolu 166A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, introdotta bl-Avviż Legali 278 tal-2005.*

*Effettivament ir-regolament 2 ta' din il-leġislazzjoni sussidjarja (li huwa prattikament l-unika regolament tal-istess liġi) jgħid li:*

F'kull ittra uffiċjali skont it-termini tal-artikolu 166A, għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan l-avviż li ġej:

'Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.'

*Jirriżulta għalhekk, li s-soċjetà Melita Limited irriproduċiet b'mod preċiż, it-test kif muri fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22. Kif jirriżulta anke mit-titolu tal-istess Regolament, dan qiegħed jistabbilixxi l-forma li tissemma fl-artikolu 166A (2) (u mhux is-subinċiż 3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa mbagħad, is-subinċiż (3)*

*tal-Artikolu 166A li jindika x'għandu jkun fiha l-ittra uffiċjali eżekuttiva, taħt piena ta' nullità.*

*Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet magħmula dwar dan il-punt mill-abbli difensuri tal-partijiet. Madankollu hija ma taqbilx la ma' parti u lanqas mal-oħra dwar is-sinjifikat tal-koeżistenza tar-regolament 2 fil-L.S. 12.22 u l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li huwa minnu li, mad-daqqa t'għajn, wieħed jista' jifhem li teżisti xi inkonsistenza bejn iż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi, din il-Qorti tqis, li l-intenzjoni tal-leġislatur, għal dak li jirrigwardja r-regolament 2 tal-L.S. 12.22 huwa li, mill-ewwel, meta d-debitur jirċievi l-istess ittra uffiċjali, jagħraf li għandu terminu qasir li fiha għandu jwieġeb, u li huwa fl-interess tiegħu li jkellem konsulent legali. Il-L.S. 12.22 teħtieġ li dan l-avviż jitqiegħed immedjatament taħt l-intestatura tal-Qorti relattiva proprju biex ikun l-ewwel ħaġa li tolqot għajn il-persuna li tirċevieh. Din il-Qorti tagħraf ukoll li, l-avviż taħt dan ir-regolament sar bis-saħħa tal-Artikolu 166A (2) li ta s-setgħa lill-Ministru għall-Ġustizzja li jintroduċi "forma" għall-ittra uffiċjali eżekuttiva.*

*Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx li l-forma li seta' ħoloq il-Ministru telimina l-obbligi tassattivament meħtieġa taħt subinċiż ieħor tal-artikolu 166A. Tant hu hekk, li dan is-subinċiż jgħid li* "l-ittra uffiċjali għandu **wkoll** ikun fiha **taħt piena ta' nullità**…" *intimazzjoni lid-debitur li għalkemm tirrepetilu li għandu 30 jum biex jopponi għall-ittra uffiċjali, tikkjarifikalu li biex jopponiha huwa għandu merament jippreżenta nota li jista' jiffirmaha hu stess, mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali.*

*Għalhekk, din il-Qorti ma tqisx li jeżisti xi kunflitt bejn dak li jgħid ir-regolament 2 tal-L.S. 12.22 u dak li jgħid l-artikolu 166A(3). Effettivament, wieħed jista' sempliċement jispjegaha billi jgħid li, filwaqt li huwa dejjem fl-interess tad-debitur li jkellem avukat jew prokuratur legali biex jassistieh wara li jkun irċieva att ġudizzjarju b'terminu qasir li fih għandu jwiegeb, xejn ma jwaqqfu li jippreżenta l-oppożizzjoni d-debitur stess, u għal dan il-għan, l-artikolu 166A (3) jitlob li dan kollu il-kreditur jispjegah b'mod ċar kif jitlob l-istess subinċiż.*

*Issa huwa minnu li d-dikjarazzjoni ta' nullità ta' atti ġudizzjarji hija odjuża.*

*Il-Qrati tagħna dejjem għallmu li, sabiex jiġu dikjarati atti ġudizzjarji, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi (fn. 6* ***Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina*** *(Appell Ċivili, deċiż 21 ta' Marzu, 1988). B'mod ġenerali, ir-regola dwar nullità ta' ċitazzjonijiet jew rikorsi ġuramentati kienet li fejn kien jonqos il-preġudizzju għad-difiża tal-konvenut jew in-nuqqas fiċ-ċitazzjoni kienet tagħmel tajjeb xi ħaġa oħra għalih, ma annullatx iċ-ċitazzjoni (ara f'dan is-sens* ***Bonello vs***

***Azzopardi (Vol. XXXIX, II, 501), Muscat vs Borg et (XXXIX.II.575)** u **Demarco vs Fiteni (XLI.II.1035)).***

*Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-**artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li*

1. l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata:

a. **jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament**;

b. jekk l-att jinħareġ minn Qorti mhux kompetenti;

c. jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk hux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jigi annullat;

d. jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

*Din il-Qorti tosserva li, l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jagħti ebda possibilità li tissewwa vjolazzjoni tal-istess dispożizzjoni. Barra minn hekk, l-istess 166A (3) jistipula ċar u tond, li l-elementi hemm imsemmija huma meħtieġa **taħt piena ta' nullità** u ma hemm ebda referenza li tali nullità tista' tissewwa jew tiġi rettifikata* ex post facto.

*Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li r-regolament 2 tal-L.S. 12.22 u l- artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex kunfliġġenti bejniethom, u li t-tnejn li huma għandhom jiġu mħarsa flimkien. Dan ifisser li filwaqt li taħt l-intestatura tal-Qorti l-avviż skont ir-regolament 2 tal-L.S. 12.22 **għandu** jiġi indikat b'*"ittri ċari u preċiżi"*, l-elementi kollha msemmija fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom, **taħt piena ta' nullità** (iżda mhux neċessarjament fil-parti li tiġi taħt l-intestatura tal-Qorti) jissemmew bħala intimazzjoni lid-debitur fl-istess ittra uffiċjali.*

*Din il-Qorti tosserva li xi wħud mill-elementi meħtieġa taħt piena ta' nullità skont l-artikolu 166A (3) ma ġewx imħarsa mis-soċjetà Melita Limited. Il-Qorti tissottolinea wkoll li, il-liġi kif inhi, ma tħalli lok għal ebda diskrezzjoni tal-ġudikant għall-finijiet ta' tiswija tan-nullità tal-att.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent Jody Pisani għandha tiġi milqugħa fuq din ir-raġuni. Konsegwentement, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tkompli teżamina s-sottomissjonijiet l-oħra magħmula mill-partijiet.*

***DECIDE***

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Jody Pisani fejn, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba in kwantu din ġiet sorvolata, inkluż b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2018, tilqa' t-talba tar-rikorrent fis-sens li tiddikjara t-titolu eżekuttiv ottjenut bis-saħħa tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet Melita Limited vs Jody Pisani (Ittra uffiċjali eżekuttiva numru 642/18) null u bla effett, u konsegwentement tirrexxindieh għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u dan għar-raġunijiet hawn fuq imfissra f'din id-deċiżjoni.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà Melita Limited."*

## **L-Appell**

10. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata bis-sentenza appellata, u għalhekk interponiet appell minnha permezz ta' rikors tas-16 ta' Novembru, 2020. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wara li l-appellat ressaq l-argument li kien hemm nuqqas ta' ottemperanza ma' dak dispost fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12. Qalet li hija min-naħa tagħha taqbel mal-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti fejn fis-sentenza tagħha qalet li m'hemmx kunflitt bejn dak li jgħid ir-regolament 2 tal-L.S. 12.22 u dak li jgħid l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12. Kompliet tgħid li fil-fehma tagħha hemm differenza bejn dak li tgħid il-liġi sussidjarja inkwistjoni u dak li jingħad taħt l-artikolu 166A (3), iżda mhux b'mod li joħloq xi forma ta' konfużjoni. Qalet li l-avviż magħmul fl-ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 ma seta' qatt joħloq konfużjoni li setgħet twassal lil min irċeviha sabiex ma jiħux l-informazzjoni **<u>kollha</u>** meħtieġa sabiex jifhem il-kontenut tal-ittra u jifhem x'azzjoni seta' jieħu sabiex jikkontesta l-kontenut tal-ittra jew għallinqas parti minnha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ittra uffiċjali taqra hekk: *"[d]in l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien*

*tletin (30) jum din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."* Aktar 'l isfel fl-ittra jintqal hekk: *"[f]in-nuqqas ta'* ***__risposta respintiva tiegħek__*** ***permezz ta' nota*** *fl-atti ta' din l-ittra entro t-terminu ta' tletin (30) jum stabbilit bil-Liġi, il-mittenti se tipproċedi bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi."* Żiedet tgħid li minn qari ta' din l-ittra uffiċjali jidher li d-debitur kien avżat kemm dwar ir-rimedji li kellu biex jikkontesta l-istess ittra uffiċjali kif ukoll dwar il-konsegwenzi tagħha fin-nuqqas li ssir oppożizzjoni da parti tad-debitur. Qalet li l-fatt li l-intimazzjoni fil-bidu tal-ittra tistipula li huwa fl-interess ta' dak li jkun li jkellem Avukat jew Prokuratur Legali, bl-ebda mod ma jikkunfliġġi ma' dak stipulat fl-artikolu 166(3) tal-Kap. 12. Qalet li dan l-avviż kif ċitat fl-ittra uffiċjali inkwistjoni, ma jistipulax li r-risposta trid bilfors issir permezz ta' Avukat jew Prokuratur Legali, u allura wieħed ma jistax jirreġistra difiża b'mod personali minflok permezz ta' Avukat jew Prokuratur Legali. Is-soċjetà appellanta qalet li l-proċedura kkontemplata taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 għandha tliet funzjonijiet ewlenin, jiġifieri dik li d-debitur jingħata informazzjoni dwar x'jittratta d-dejn; li d-debitur jingħata informazzjoni dwar ir-rimedji tiegħu sabiex jopponi għal dik l-ittra; u li d-debitur jingħata informazzjoni dwar il-konsegwenza li jista' jkollha tali ittra jekk din ma tiġix respinta mill-istess debitur. L-appellanta qalet li huwa proprju għaliex il-proċedura kkontemplata fl-artikolu 166A tal-Kap. 12 hija intiża biex jinkiseb titolu eżekuttiv mingħajr il-ħtieġa ta' proċedimenti ġudizzjarji ulterjuri, f'każ ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tad-debitur, li huwa neċessarju li dik l-ittra uffiċjali jkun fiha d-dettall meħtieġ biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar xiex jittratta d-dejn, iżda anki biex ikun f'pożizzjoni li jista' jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew in

parti. Is-soċjetà appellanta qalet li fl-ittra uffiċjali tagħha hija għamlet dan kollu, jiġifieri infurmat lid-debitur kemm dwar in-natura tad-dejn, infurmatu dwar ir-rimedji tiegħu sabiex jikkontesta l-istess ittra, u infurmatu dwar il-konsegwenzi jekk huwa ma jikkontestax l-istess ittra, kif fil-fatt naqas milli jagħmel. Qalet li jekk xejn, il-fatt li d-debitur jiġi infurmat li huwa fl-interess tiegħu li jkellem avukat jew prokuratur legali, li fuq kollox huwa avviż magħmul skont il-liġi sussidjarja, l-ittra uffiċjali għandha l-funzjoni li tinforma lid-debitur dwar is-serjetà tal-kwistjoni u mhux li tneħħi xi informazzjoni essenzjali li għandu jkun avżat biha d-debitur. Qalet li l-eċċezzjoni tal-vjolazzjoni tal-forma tal-intimazzjoni preskritta mis-subinċiż (3) tal-artikolu 166A taħt piena ta' nullità, hija regolata mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 12. Qalet li in materja ta' nullità tal-att ġudizzjarju, l-insenjament l-aktar riċenti tal-qrati jimxi fuq interpretazzjoni restrittiva ta' din l-eċċezzjoni bil-għan li l-atti kemm jista' jkun jiġu salvati u mhux annullati minħabba formaliżmu żejjed. Is-soċjetà appellanta qalet li f'dan il-każ il-forma jew il-kontenut tal-ittra uffiċjali ma ħallew ebda preġudizzju fil-konfront tad-debitur appellat, u lanqas ma tirriżulta ħsara għal xi prinċipju tal-ġustizzja proċedurali. Is-soċjetà appellanta kkonkludiet billi qalet li għalhekk l-avviż u l-kontenut tal-ittra uffiċjali *de quo* saru skont il-liġi u ma jissussistux elementi ta' nullità kif previst taħt l-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti. Qal li l-ewwel Qorti ma ddeċidietx l-

aħħar argument miġjub minnu fir-rikors promutur tiegħu, u għalhekk jekk in pessima ipoteżi, din il-Qorti tiddeċiedi li tilqa' l-appell kif interpost, l-istess Qorti għandha tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeċiedi dwar din it-tilwima, u dan anke sabiex il-kontendenti ma jiġux ippreġudikati mid-dritt eventwali ta' xi appell ulterjuri. Qal li għalhekk is-sottomissjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni legali ta' min ħa l-ġurament fuq l-istess ittra, għandha tibqa' impreġudikata f'dan l-istadju.

12. L-appellat qal li minn qari tar-rikors tal-appell jirriżulta li salv għal paragrafu qasir fil-bidu tal-istess aggravju, l-argumentazzjoni miġjuba mis-soċjetà appellanta mhija xejn għajr ripetizzjoni tal-argumentazzjoni oriġinali miġjuba quddiem l-ewwel Qorti, u li fil-fatt din imkien ma tgħid fejn mhijiex qiegħda taqbel mas-sentenza. Qal li l-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 huwa ċar u ma jagħtix lok għall-interpretazzjoni, u n-nullità temerġi mil-liġi u fil-fatt l-argument li ġie mogħti huwa li l-ittra *de quo* ma segwietx id-dettami tal-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12. Qal li l-Qrati tagħna diġà kellhom okkażjoni janalizzaw dan il-fatt u waslu għall-istess konklużjoni bħalma qiegħed jargumenta hu, jiġifieri li l-ittra miktuba b'dan il-mod hija nulla. Qal li l-leġislatur ried li persuna li tirċievi att bħal dak in diżamina, jkun mgħarraf b'dak li għandu jagħmel f'każ li jkun irid jopponi, u dan mingħajr il-ħtieġa li jmur għand persuna legali. Huwa dan in-nuqqas li għandu jwassal għan-nullità tal-ittra. Qal li *ubi lex voluit dixit* u l-liġi trid li persuna tkun mgħarrfa li tista' tirrespinġi l-kontenut ta' ittra bħal din billi hija stess tippreżenta nota fit-terminu mogħti mingħajr assistenza legali, u dan billi tiġi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew ta' Prokuratur Legali. L-appellat qal li għalhekk l-ewwel Qorti kienet

korretta meta spjegat li tali nullità temerġi *ex lege* u li ma tagħti lok għal ebda diskrezzjoni, bħalma kienet ġusta wkoll meta kkonfermat li għalkemm l-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 għandu jingħata interpretazzjoni restrittiva, fejn m'hemm l-ebda possibilità li nuqqas jiġi sanat u fejn hija l-liġi stess li tirrikjedi formalitajiet taħt piena ta' nullità, m'hemmx għażla għajr li jiġu applikati l-istess sanzjonijiet għall-ittra uffiċjali inkwistjoni. Qal li hemm limitu għan-nuqqasijiet li jistgħu jiġu sanati b'interpretazzjoni restrittiva, għaliex inkella l-liġi tal-proċedura, li hija ta' ordni pubbliku, ma tkun tiswa għal xejn. Qal li huwa bl-użu tal-proċedura korretta li wieħed jista' jasal għad-determinazzjoni tad-drittijiet sostantivi, u n-nuqqas f'dawn il-proċeduri mhuwiex wieħed sanabbli.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet orali li saru mill-avukati difensuri tal-partijiet. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha kkonkludiet li minkejja li l-ittra uffiċjali saret a tenur tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12, bl-intiża li s-soċjetà appellanta tikseb titolu eżekuttiv fil-konfront tal-appellat, il-formalità rikjesta fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 baqgħet ma ġietx segwita u għalhekk l-ittra uffiċjali għandha titqies li hija nulla. In suċċint, l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 jgħid li l-ittra uffiċjali għandu jkun fiha, taħt piena ta' nullità, intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali, billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, fejn

jopponi għat-talba, liema nota tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Dak li huwa importanti għall-fini tal-osservanza ta' dan id-dispost tal-liġi għalhekk huwa li d-debitur jiġi avżat li għandu terminu ta' tletin jum li fih jista' jopponi għat-talba tal-kreditur li jkun bagħatlu l-ittra uffiċjali. Dak li ġie mniżżel fl-ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-appellat huwa replika tat-test preċiż tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, li jgħid li *"[d]in l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u jekk ma tweġibx fi żmien tletin jum din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."*

14. L-ewwel Qorti qieset li ladarba l-ittra ma tirreplikax it-test preċiż użat fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12, l-ittra uffiċjali inkwistjoni għandha titqies li hija nulla. Is-soċjetà appellanta ressqet appell minn din is-sentenza fejn sostniet illi f'dan il-każ min irċieva l-ittra, kellu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jifhem il-kontenut tal-ittra u sabiex jifhem x'azzjoni kellu jieħu sabiex jikkontesta l-kontenut tal-ittra jew parti minnha. Is-soċjetà appellanta qalet li minn qari tal-ittra uffiċjali għandu jirriżulta li d-debitur kien avżat kemm dwar ir-rimedji li kellu biex jikkontesta l-ittra, kif ukoll dwar il-konsegwenzi tagħha, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti tad-debitur. Qalet li fl-ittra uffiċjali tagħha hija infurmat lid-debitur dwar in-natura tad-dejn, dwar ir-rimedji disponibbli biex jikkontesta l-ittra u dwar il-konsegwenzi f'każ li din ma tiġix ikkontestata. Qalet li r-riferiment biex jiġi kkuntattjat avukat jew prokuratur legali f'każijiet bħal dawn, isir sabiex min jirċievi l-ittra jifhem is-serjetà tal-kwistjoni, u l-prinċipju regolatorju għandu jkun li kemm jista' jkun l-atti għandhom jiġu salvati u mhux annullati minħabba formaliżmu żejjed. Qalet li f'dan il-każ ma

kien ser jiġi arrekat l-ebda preġudizzju jew ksur ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali jew proċedurali, li kieku l-ewwel Qorti aċċettat li l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-appellat mhijiex nulla.

15. Il-Qorti tqis li taħt l-intestatura tal-Qorti, is-soċjetà appellanta niżżlet dak li jgħid it-tieni regolament tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, li jħeġġeġ lil min jirċievi l-ittra uffiċjali sabiex ikellem avukat jew prokuratur legali sabiex ikun jista' jopponi l-ittra uffiċjali. Fl-istess ittra uffiċjali ġie indikat ukoll li fin-nuqqas ta' risposta permezz ta' nota fl-atti tal-ittra uffiċjali entro t-terminu ta' tletin ġurnata, il-mittenti kienet ser tipproċedi bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi. Din il-Qorti tqis li l-ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-appellat ma kien fiha xejn anqas minn dak li jistipula l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12, bl-unika differenza notevoli tkun li filwaqt li l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 jgħid li n-nota respintiva tista' tiġi ffirmata u ppreżentata mid-debitur stess, ir-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22 jgħid li hu fl-interess ta' min jirċievi l-ittra li jkellem avukat jew prokuratur legali. *Il più comprende il meno,* u f'dan il-każ it-test tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jitlob għal formalità oħra meta wieħed jiġi biex jikkontesta ittra uffiċjali bħal din, jiġifieri dik li wieħed ikellem avukat jew prokuratur legali sabiex jassistih fid-difiża tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-aktar punt kardinali f'dan kollu huwa jekk l-appellat ġiex preġudikat bil-formalità użata fl-ittra uffiċjali jew le. Ir-raġuni għalfejn l-appellat naqas milli jirrispondi għal din l-ittra uffiċjali ma jirriżultax li kienet minħabba xi difett fil-forma tagħha, iżda minħabba l-argument tiegħu li huwa ma ġiex notifikat kif suppost u ħalla t-tletin jum jgħaddu mingħajr ma ressaq ebda risposta.

16. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Guillaumier Industries Ltd *vs.* Reginald Fava et** mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 1998, fejn ingħad:

> "Illi biex ċitazzjoni tiġi mwaqqfa jrid ikun hemm raġuni gravi, u fost kollox, għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċitazzjoni tkunx defiċjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu u sabiex dan isir tali ċitazzjoni għandha tiġi eżaminata fit-totalità tagħha."

17. Il-Qorti tal-Appell, f'sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju, 1998, fl-ismijiet **Michael Attard noe *vs.* Raymond Galea,** spjegat illi:

> "... bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ."

18. Din il-Qorti wkoll, f'deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Ottubru, 2016 fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. *vs* Massimiliano Gatt et** spjegat illi:

> "Huwa minnu li n-nullità tal-atti ġudizzjarji tappartjeni għall-infanzja tad-dritt u hija aberranti għas-sistema legali tal-lum."

19. F'dan il-każ il-Qorti ma tarax li l-appellat ġie ppreġudikat fid-difiża tiegħu, għaliex fl-ittra uffiċjali inkwistjoni minflok tniżżel l-avviż indikat fl-artikolu 166 A (3), tniżżel l-avviż indikat fil-Liġi Sussidjarja 12.22, u għalhekk ma taqbilx li l-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjetà appellanta għandha titqies li hija nulla u mingħajr ebda effett legali.

20. Jifdal għalhekk il-lanjanza li qajjem l-appellat fir-rikors promutur tiegħu dwar ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-soċjetà appellanta. Ladarba ma tressqu l-ebda provi dwar din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti, li ma ppronunzjatx ruħha f'dan ir-rigward, din il-Qorti qiegħda tordna li l-atti

jintbgħatu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiddetermina l-kwistjoni dwar jekk il-firmatarju tal-ittra uffiċjali kellux il-*vires* li jikkonfermaha bil-ġurament tiegħu għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, tiddikjara li l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-appellat hija valida, u fl-istess ħin tordna li l-atti tal-ittra uffiċjali nru: 642/2018 jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiddetermina l-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija ittra uffiċjali ġietx ikkonfermata bil-ġurament ta' min għandu rappreżentanza tas-soċjetà appellanta jew le.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**